



European Commission



# APPOĠĠ GĦALL-IMPJIEGI TAŻ-ŻGĦAŻAĠĦ

## Pont għall-Impjieg għall-Ġenerazzjoni li Jmiss


Lulju 2020

#EUBridgetoJobs

Iż-żgħażaġh jistħoqqilhom kull opportunità biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom f'ħalli jsawru l-futur tal-UE u jirnexxu fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Iż-żgħażaġh spiss iħabbtu wiċċhom ma' bidu iebes fis-suq tax-xogħol u dan għe aċċentwat mill-pandemija tal-coronavirus.

### IL-QGĦAD FOST IŻ-ŻGĦAŻAĠĦ

• quċċata ta' 24.4% fl-2013



15.4%

**Qgħad fost iż-żgħażaġh f'April 2020**

Xorta waħda iktar mid-doppju tar-rata ġenerali medja tal-qgħad. Issa ħafna qed jibżgħu li se jerġa' jżjed f'daqqa.

**L-UE qed tgħin lill-Istati Membri jindirizzaw din l-isfida direttament billi tipproponi:**



**Pont għall-Impjieg - Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ**

**Politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali tal-UE li tibqa' valida fil-futur**

**Spinta ġdida għall-apprendistati**

**Miżuri addizzjonali li jappoġġjaw l-impjeg taż-żgħażaġh**

Għexieren ta' biljuni ta' ewro għall-finanzjament tal-pjan ta' rkupru għaż-żgħażaġh

**Lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-investimenti li jistgħu jgħinu liż-żgħażaġh fl-immedjat u fuq terminu medju ta' żmien.**

## PONT GĦALL-IMPJIEGI: TISSAĦĦAĦ IL-GARANZIJA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**Jekk tissieħeb fil-Garanzija għaż-Żgħażagħ, se tirċievi offerta ta' impjieg, ta' edukazzjoni, ta' apprendistat jew ta' traineeship fi żmien erba' xhur.**

L-UE ħolqot il-Garanzija għaż-Żgħażagħ fl-2013 u minn dak iż-żmien bniet pontijiet ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għal iktar minn 24 miljun żagħżugħ u żagħżugħa.



Il-Pont għall-Impjieg ġdid u mtejjeb se:



Jkopri liż-żgħażagħ li għandhom bejn 15 u 29 sena



Jkun iktar inklużiv, b'invoviment usa' u li jiffoka b'mod speċjali fuq il-gruppi żvantaġġati



Jindirizza l-ħtiġijiet tal-kumpaniji, speċjalment tal-SMEs, billi jipprovdi l-ħiliet meħtieġa — b'mod partikolari dawk meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali



Jipprovdi konsulenzi, gwida u mentoraġġ imfassla apposta

## POLITIKA TAL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ VOKAZZJONALI TAL-UE LI TIBQA' VALIDA FIL-FUTUR

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jgħin liż-żgħażagħ iħejju ruħhom għall-ewwel impjieg tagħhom u jippermetti lill-adulti jitgħallmu ħiliet ġodda u jiżviluppaw il-karrieri tagħhom. Se jkun element essenzjali tal-għajjuna li tingħata liż-żgħażagħ biex jidħlu fil-forza tax-xogħol waqt l-irkupru. Permezz tar-Rakkomandazzjoni proposta tagħha, il-Kummissjoni qed tapplika approċċ ġdid għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u b'hekk tagħmlu iktar modern, attraenti, flessibbli u adatt għall-era diġitali u għat-tranżizzjoni ekoloġika.

[Ara iktar](#)

## SPINTA ĠDIDA GĦALL-APPRENDISTATI

L-apprendistati huma ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet:



**Il-kumpaniji jkollhom il-forza tax-xogħol mgħammra b'ħiliet speċjalizzati li jeħtieġu għall-futur**



**Liż-żgħażagħ jiżviluppaw il-ħiliet u jsibu impjieg**



L-azzjonijiet tal-UE se jgħinu biex jiżiedu l-offerti ta' apprendistat, pereżempju billi jinċentivaw l-appoġġ lill-SMEs u jimmobilizzaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Mit-tnedija tagħha fl-2013, L-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati kienet strumentali biex joħolqu 'l fuq minn 900,000 opportunità ta' apprendistat għaż-żgħażagħ. Il-Kummissjoni se ġġeddidha biex tagħti bidu għal impenji ġodda għal apprendistati diġitali u ekoloġiċi.

## Il-Kummissjoni thegħeġ ukoll lill-Istati Membri biex iżidu l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġħ permezz tan-NextGenerationEU u tal-baġit futur tal-UE. L-ambizzjoni ġenerali hija li l-Istati Membri jinvestu finanzjament tal-UE ta' mill-inqas EUR 22 biljun fl-impjieg taż-żgħażaġħ:

### Pereżempju, l-UE tista' tgħin biex tiffinanzja:



Għotjiet u self għall-intraprendituri żgħażaġħ biex jibdew negozju, skemi ta' mentoraġġ u inkubaturi tan-negozju



Bonusijiet għall-SMEs li jimpjegaw l-apprendistati



Sessjonijiet ta' taħriġ biex jinkisbu ħiliet ġodda meħtieġa fis-suq tax-xogħol



Il-bini tal-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg



Taħriġ dwar il-ġestjoni tal-karriera fl-edukazzjoni formali



Investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġija tat-tagħlim diġitali

© L-Unjoni Ewropea, 2020

L-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa permess, dment li jingħata l-kreditu xieraq u kull tibdil jiġi indikat (Creative Commons Attribution 4.0 International license). Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex tal-UE, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi. L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, © Adobe Stock, © Shutterstock. Icons © Flaticon — id-drittijiet kollha riżervati.

Print  
PDF

ISBN 978-92-76-20266-0  
ISBN 978-92-76-20231-8

doi:10.2767/096613  
doi:10.2767/592332

KE-02-20-487-MT-C  
KE-02-20-487-MT-N

